

Brussell, 26 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14596/1/18
REV 1

SOC 729
EMPL 549
ECOFIN 1136
FSTR 79
JEUN 152

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Investiment tal-QFP fin-nies: kontribuzzjoni ta' fondi u programmi tal-UE għal konverġenza, ġustizzja u kompetittività - Nota ta' gwida mill-Presidenza

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża n-nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett ta' hawn fuq, bil-ħsieb tad-dibattitu waqt l-ikla ta' nofsinhar fil-Kunsill EPSCO tas-6 ta' Diċembru 2018.

Dibattitu tal-EPSCO waqt l-ikla ta' nofsinhar

Investiment tal-QFP fin-nies: kontribuzzjoni ta' fondi u programmi tal-UE għal konverġenza, ġustizzja u kompetittività

Kuntest tal-politika

Darba kull seba' snin, l-Unjoni Ewropea tiddeċiedi dwar il-baġit fit-tul tagħha, il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP). Dan huwa mument kruċjali li fih jiġu kkunsidrati l-prijoritajiet ta' politika għas-snin 2020 sa 2027. Dawn il-prijoritajiet għandhom jiġu kkunsidrati wkoll fil-kuntest tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali li ġie pproklamat sena ilu.

Filwaqt li tagħraf l-importanza tal-investiment fin-nies, il-Kummissjoni pproponiet li raggruppament wieħed tal-politika tal-QFP futur għandu jkun ddedikat għall-*"investiment fin-nies, il-koeżjoni soċjali u l-valuri"*. L-istrumenti ewlieni ta' finanzjament f'dan ir-raggruppament huma l-Fond Soċjali Ewropew+ (FSE+), l-Erasmus u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Barra minn hekk, strumenti ta' finanzjament oħra jappoġġaw il-politiki soċjali u tal-impjiegi Ewropej u ser ikompli jagħtu spinta lill-investiment soċjali u l-implimentazzjoni tar-riformi soċjali u tax-xogħol. Dawn huma prinċipalment il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) u InvestEU.

FEG+: l-istrument ewlieni ta' finanzjament li jappoġġa l-impjiegi u l-politika soċjali

Għalkemm il-kriżi finanzjarja issa tinsab warajna, l-impatt soċjali tagħha għadu jinħass ħafna. Il-mira ta' Ewropa 2020 għat-tnaqqis tal-faqar probabbilment mhux ser tintlaħaq u l-qgħad fost iż-żgħażaġh għadu f'livell inaċċettabbli f'xi Stati Membri. Barra minn hekk, sfidi soċjali importanti fi Stati Membri individwali huma enfasizzati fis-Semestru Ewropew permezz tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

Biex tirrispondi għal dawn l-isfidi soċjali u oħrajn li għaddejjin u tappoġġa l-impenji taħt il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-Kummissjoni pproponiet tliet rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematiċi għall-FSE+.

L-ewwel nett, il-proposta tal-FSE+ tipprevedi *rabta mill-qrib bejn il-programmazzjoni tal-FSE+ u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiżi*. Dan ifittex li jiżgura allinjament eqreb bejn il-finanzjament u l-isfidi ta' riformi fis-suq tax-xogħol, l-educazzjoni u t-taħriġ u l-adattament ta' sistemi soċjali identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż. Skont il-proposta tal-Kummissjoni, l-Istati Membri huma meħtieġa jiddedikaw riżorsi xierqa għal dawn l-isfidi fil-bidu tal-perijodu ta' programmazzjoni u għal darb' oħra f'nofs it-terminu.

It-tieni nett, mill-inqas kwart tar-riżorsi tal-FSE+ tal-Istati Membri għandu jiġi dedikati għal *miżuri ta' inklużjoni soċjali*, inkluż investiment f'miżuri għall-indirizzar ta' deprivazzjoni materjali.

It-tielet nett, il-proposta tal-FSE+ tinkludi rekwiżit speċifiku għall-*prijoritizzazzjoni tal-azzjonijiet taż-żgħażaġh għal dawk l-Istati Membri* fejn il-perċentwal ta' żgħażaġh barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ għadu ogħla mill-medja tal-UE.

L-għadd limitat ta' rekwiżiti ta' konċentrazzjoni deskritt hawn fuq jirrappreżenta tluq sinifikanti mir-rekwiżiti aktar stretti għall-2014-2020, filwaqt li xorta waħda jindirizza b'mod dirett l-oġettivi ġenerali tal-UE. Id-diskussjonijiet dwar il-kriterji ta' konċentrazzjoni tematiċi b'mod partikolari fejn għandu jkun hemm aktar flessibilità fl-użu tal-finanzjament tal-FSE+ jew jekk ikunx utli li jiġu introdotti rekwiżiti aktar strinġenti fir-Regolament tal-FSE+.

Kwistjoni importanti fid-diskussjonijiet dwar is-simplifikazzjoni u l-flessibilità tal-FSE+ futur hija l-mod kif b'mod flessibbli trasferimenti jistgħu jsiru bejn ir-reġjuni differenti ta' Stat Membru. Il-Kummissjoni pproponiet li tippermetti għal flessibilità sħiħa tat-trasferiment ta' fondi minn reġjuni aktar żviluppati għal dawk anqas żviluppati u flessibilità limitata (sa 15 %) fid-direzzjoni opposta.

Għadd kbir ta' strumenti ta' finanzjament li jappoġġaw il-politiki soċjali u tal-impjiegi

Filwaqt li l-FSE+ ser jibqa' jkun l-għodda ewlenija fil-qasam soċjali, hemm oħrajn li ser ikollhom il-fokus ewlieni tagħhom fl-investiment fin-nies, u b'mod partikolari fil-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid.

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ser ikompli jipprovdi kontribut siewi biex jirreaġixxi għal avvenimenti negattivi mhux mistennija fis-suq tax-xogħol li jkollhom impatt importanti, jew għal ħaddiema f'impriżi kbira waħda inkella f'diversi oħrajn iżgħar.

Il-programm InvestEU ser ilaqqa' flimkien għadd kbir ta' strumenti finanzjarji tal-UE li jeżistu b'mod parallel fil-QFP attwali. "L-Opportunità Soċjali u ta' Ħiliet" fil-forma ta' garanzija baġitarja ser ikollha l-potenzjal li timmobilizza investiment ġenerali ta' EUR 50 biljun, bil-finanzjament propost tal-Unjoni ta' EUR 4 biljuni. Din ser tiffinanzja l-investimenti, b'mod partikolari, fil-ħiliet, l-infrastruttura soċjali, il-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul u l-aċċessibbiltà, il-mikrofinanzjament u l-appoġġ ta' intrapriżi soċjali, u l-integrazzjoni ta' migranti u persuni vulnerabbli, u b'hekk tespandi l-potenzjali għal azzjoni fil-qasam soċjali, tal-edukazzjoni u t-taħriġ. B'hekk, hija taġixxi bħala programm kumplementari għall-FSE +.

Għal Erasmus, il-Kummissjoni għamlet proposta sostanzjalment imsaħħa, inklużiva u estiża bil-għan li tittrippa l-mobbilità tat-tagħlim madwar l-UE. Hija ssaħħa l-appoġġ għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim tal-adulti, inkluż azzjonijiet ġodda bħal ċentri tal-eċċellenza vokazzjonali biex jikkomplementaw il-kontribuzzjoni tal-FSE+ għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet taż-żgħażaġh u l-adulti.

Għandhom ikunu żgurati wkoll komplementarjetajiet bejn il-FSE+ u l-Programm ta' Appoġġ għal Riforma propost, b'mod partikolari l-Għodda għat-Twettiq ta' Riformi, biex jiġi żgurat approċċ koerenti għall-appoġġ għal riformi strutturali u l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika.

Mistoqsijiet għal diskussjonijiet:

- 1. Il-FSE+ għandu jkollu fokus ta' politika ċar, iżda fl-istess ħin għandu jibqa' flessibbli biżżejjed biex jindirizza l-isfidi ta' Stati Membri individwali. X'għandhom ikunu l-prijoritajiet ewlenin tal-FSE+? Kif għandha tkun żgurata l-flessibbiltà tal-FSE+?*
- 2. Billi hemm bosta strumenti ta' finanzjament proposti li jikkontribwixxu għall-politiki soċjali u tal-impjiegi tal-Istati Membri bil-għan ġenerali li jinvestu fin-nies, kif jista' jiġi żgurat li d-disinn, il-prijoritajiet u l-implimentazzjoni futura tal-istrumenti ta' finanzjament jikkomplementaw lil xulxin?*